MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2013

Numru. 620/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**JOHANN GAUCI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Johann Gauci ta’ 21 sena, iben Mario u Mary Doris nee’ Grixti, imwieled nhar 10 ta’ Settembru 1991, u residenti 15, Mardor, Triq Dun Xamd Cortis, Dingli, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 458391M.

Akkuzat talli:

1) Nhar il-29 ta’ Gunju 2013 ghall-habta tas-siegha ta’ filghjodu gewwa Triq Ghar Bittija, Dingli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta’ provizorja imposta mill-Magistrat Dr. A. G. Vella LL.D datata 22t’Ottubru 2012;

Il-Qorti giet mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghar-reati addebitati, tirrevoka *‘contrario imperio’* d-digrieti tal-helsien mill-arrest datat Ottubru 2012 u tordna l-arrest mill-gdid ta’ l-imsemmi Johann Gauci. Kif ukoll, li tordna li s-somma ta’ *tmien mitt Euro* depozitati taht l-awtorita’ tal-Qorti u *elfejn Euro*, bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta’ Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2) Nhar il-25 ta’ Gunju 2013 ghall-habta ta’ 18:45hrs saq mutur ta’ l-ghamla Yamaha DT gewwa l-inhawi tar-Rabat u Had Dingli minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mill-Kummissarju tal-Pulizija jew minn Awtorita relevanti u ghalhekk ma kienx kopert b’polza ta’ assigurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi persuni, b’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni u / jew b’mod perikoluz, (Art. 15(1)(2), 16(3) LS 65.11);

3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi mutur ta’ l-ghamla Yamaha DT minghajr ma kellu polza t’assigurazzjoni li tkoppri lilu u lil terzi persuni;

Il-Qorti giet mitluba ukoll sabiex f’kaz ta’ htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-ligi, tordna l-konfiska tal-vettura uzatta f’dan il-kaz.

F’kaz ta’ htija, b’zieda ghal piena il-Qorti giet mitluba tiskwalifika lill-Johann Gauci milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien ta’ mhux anqas minn tmint ijiem kif mahsub f’Atikolu 15(3) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. AM 1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Sarah Magri ghall-Prosekuzzjoni iddikjarat li nkwantu ghat-talba tal-Prosekuzzjoni kontenuta fl-Akkuza li tirrigwarda l-ewwel akkuza fejn gie mitlub illi s-somma ta' tmien mitt (800) Ewro depositati taht l-Awtorita tal-Qorti u elfejn (2000) Ewro bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulati fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Prosekuzzjoni ma tinsistix aktar ghal din it-talba u konsegwentement talbet li l-Qorti tastjeni milli tipprovdi ghal tali talba.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.
Rat l-artikoli 17, 578 u 579(1)(2) u (3) tal-Kap. 9 u is-subartikoli 15(1)(a) u 15(2) tal-Kap. 65 u s-subartikoli 3(1), (2) u (2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Johann Gauci, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Johann Gauci ghall-piena komplessiva ta' disa' (9) xhur prigunerija u mitejn Ewro (Ewro 200) multa u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) millum l-imputat Johann Gauci jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre l-Qorti, bl-applikazzjoni tas-subartikolu 3(2A) tiskwalifika lill-imputat Johann Gauci milli jkollu jew li jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax (12)-il xahar millum.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-*motorcycle* esebit formalment f'din il-kawza bhala Dok. SA 1.

Inoltre rigward l-ewwel (1) akkuza migjuba kontra l-imputat Johann Gauci l-Qorti tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 22 ta' Ottubru, 2012 per Magistrat Dr. A. G. Vella LL.D u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi Johann Gauci. Fid-dawl ta' dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Sarah Magri ghall-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum illi s-somma ta' tmien mitt Ewro (Ewro 800) depozitati taht l-awtorita' tal-Qorti u elfejn Ewro (Ewro 2,000) bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulati fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Prosekuzzjoni ma tinsistiex aktar ghal din it-talba u konsegwentement talbet li l-Qorti tastjeni milli tipprovdi ghal tali talba, il-Qorti tastjeni milli tipprovdi ghal tali talba.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Johann Gauci l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------